



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 17.4.2018
COM(2018) 450 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Komunikazzjoni tal-2018 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE

{SWD(2018) 150 final} - {SWD(2018) 151 final} - {SWD(2018) 152 final} -
{SWD(2018) 153 final} - {SWD(2018) 154 final} - {SWD(2018) 155 final} -
{SWD(2018) 156 final}

I. INTRODUZZJONI

F'Novembru 2015, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat **strateġija ta' perjodu medju għall-politika ta' tkabbir tal-UE**, li għadha valida. Din il-komunikazzjoni teżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-politika ta' tkabbir sal-aħħar ta' Jannar 2018, u tinkoraġġixxi lill-pajjiżi kkonċernati biex ikomplu l-modernizzazzjoni tagħhom permezz ta' riformi politiċi u ekonomiċi, skont il-kriterji ta' adeżjoni.

Il-proċess ta' tkabbir ikompli jkun ibbażat fuq **kriterji stabbiliti u kondizzjonalità ġusta u rigoruża**. Kull pajjiż jiġi evalwat fuq il-bażi tal-**merti proprji tiegħu**. Il-valutazzjoni tal-progress miksut u l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet għandhom l-għan li jipprovdu inċentivi u gwida lill-pajjiżi biex isegwu r-riformi estensivi meħtieġa. Biex il-prospett tat-tkabbir isir realtà, jibqa' essenzjali impenn sod lejn il-prinċipju "l-ewwel jiġi dak li hu fundamentali". Għad hemm nuqqasijiet strutturali, notevolment fl-oqsma ewlenin tal-istat tad-dritt u l-ekonomija. Il-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni jridu jisħqu dwar l-istat tad-dritt, ir-riforma ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, is-sigurtà, id-drittijiet fundamentali, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-istituzzjonijiet demokratiċi, kif ukoll fuq il-kompetittività u l-iżvilupp ekonomiku. Minħabba n-natura kumplessa tar-riformi meħtieġa, dan huwa proċess fit-tul.

Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li n-negozjati tal-adeżjoni ma humiex – u qatt ma kienu – għan fihom infushom. Huma parti minn proċess usa' ta' modernizzazzjoni u ta' riforma. Il-gvernijiet tal-pajjiżi involuti fit-tkabbir jeħtieġ li jħaddnu r-riformi meħtieġa b'mod aktar attiv u li tassew ipoġġuhom fl-aġenda politika tagħhom – mhux għaliex dan titolbu l-UE, iżda, għaliex dan huwa fl-aħjar interess taċ-ċittadini tagħhom. Hu ċentrali għall-għażla ġenerazzjonali tal-aspirazzjoni għas-sħubija fl-UE li wieħed iħaddan il-valuri Ewropej ewlenin bħall-istat tad-dritt. L-appoġġ pubbliku għal tkabbir fil-ġejjieni se jiddependi fuq il-grad ta' tħejjija tal-pajjiżi kandidati. Jinħtieġ li r-riformi permezz tal-proċess ta' adeżjoni tal-UE jikkontribwixxu biex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE u tal-pajjiżi kandidati bl-istess mod.

Fi Frar 2018, il-Kummissjoni Ewropea rriafferma il-prospett sod, ibbażat fuq il-mertu għas-sħubija fl-UE tal-**Balkani tal-Punent** fil-Komunikazzjoni tagħha *Perspettiva kredibbli ta' tkabbir għall-Balkani tal-Punent u għall-involviment imsaħħaħ ta' l-UE magħhom*¹. Dan huwa messaġġ qawwi ta' inkoraġġiment għall-Balkani tal-Punent kollha u sinjal tal-impenn tal-UE lejn il-ġejjieni Ewropew tagħhom. Il-mexxejja fir-reġjun ma jridu jħallu l-ebda dubju dwar l-orjentazzjoni strateġika u l-impenn tagħhom. Il-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien huma essenzjali għal progress fit-toroq rispettivi Ewropej. Il-Kummissjoni Ewropea ddikjarat ukoll li l-Unjoni tagħna trid tkun aktar b'saħħitha u aktar solida, qabel ma tkun tista' eventwalment tkun akbar. Din hija r-raġuni għaliex, skont il-Pjan Direzzjonali tagħha Lejn Unjoni Aktar Magħquda, Aktar Qawwija u Aktar Demokratika², matul din is-sena l-Kummissjoni se tippreżenta għadd ta' inizjattivi mmirati lejn it-titjib tal-qafas demokratiku, istituzzjonali u ta' politika tal-Unjoni tal-2025, abbażi tat-Trattati attwali.

It-Turkija hija sieħba ewlenija għall-UE u pajjiż kandidat, li magħha għadu għaddej djalogu fuq livell għoli u kooperazzjoni f'oqsma ta' interess konġunt, inkluż appoġġ lir-refuġjati Sirjani. Il-Kummissjoni rikonoxxiet l-ħtieġa leġittima tat-Turkija li tiegħu azzjoni rapida u proporzjonata

¹ [COM\(2018\) 65 final](#)

² https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/roadmap-factsheet-tallinn_en.pdf

fid-dawl tal-attentat fallut ta' kolp ta' stat ta' Lulju 2016. Madankollu, it-Turkija kienet qed titbiegħed b'mod sinifikanti mill-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-oqsma tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali u permezz tad-dgħufija tal-kontrolli u l-ekwilibriji effettivi fis-sistema politika. Il-Kummissjoni Ewropea appellat ripetutamente lit-Turkija biex treggħa' lura din it-tendenza negattiva bħala kwistjoni ta' prijorità.

II. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA TAT-TKABBIR TAL-2015

L-indirizzar tar-riformi fil-qasam tal-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u l-governanza tajba tibqa' l-aktar kwistjoni pressanti għall-pajjiżi tat-tkabbir. Huwa wkoll punt ta' riferiment ewlieni li fuqu se jiġu għudikati l-prospetti tagħhom mill-UE. Huma jrid jħaddnu dawn il-valuri fundamentali tal-UE iktar b'aktar saħħa u kredibbiltà. In-nuqqas ta' rispett lejhom huwa wkoll ta' deterrent għall-investiment u l-kummerċ. It-tiŝhih tal-istat tad-dritt mhuwiex biss kwistjoni istituzzjonali. Dan jeżiġi t-trasformazzjoni tas-soċjetà.

A) L-Istat tad-Dritt

Minkejja ż-żieda fl-iffukar fuq ir-riformi tal-istat tad-dritt, il-progress baqa' irregolari fil-pajjiżi tat-tkabbir. F'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja l-impenn qawwi tal-gvern il-ġdid biex jimplementa l-“Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti” kellu impatt pożittiv fuq l-istat tad-dritt. Wara l-attentat ta' kolp ta' stat ta' Lulju 2016, is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fit-Turkija kompliet tmur għall-aġġar.

Ir-riforma b'suċċess tas-sistema ġudizzjarja huwa proċess fit-tul li jeħtieġ rieda politika kontinwa mill-ispettru politiku kollu u għad baqa' ħafna xogħol xi jsir fil-pajjiżi tat-tkabbir. Fl-Albanija, il-proċess kontinwu bla preċedent tal-evalwazzjoni mill-ġdid tal-imħallfin u l-prosekuturi huwa mistenni li jagħti spinta lis-sistema ġudizzjarja f'termini ta' professjonalità, indipendenza u integrità. Fit-Turkija, is-sensji massivi ta' mħallfin u prosekuturi, kif ukoll il-bidliet kostituzzjonali xekklu ulterjorment l-effiċjenza u l-indipendenza tal-ġudikatura.

Il-pajjiżi jridu jeliminaw il-korruzzjoni bl-għeruq u x-xniexel mingħajr kompromess, u jeliminaw kull element ta' manipulazzjoni tal-istat. Il-korruzzjoni għadha mifruxa, minkejja sforzi kontinwi biex l-oqfsa legali u istituzzjonali jinġiebu f'konformità mal-*acquis* tal-UE u l-istandards Ewropej. Istituzzjonijiet b'saħħithom u indipendenti huma kruċjali biex tiġi pprevenut u miġġielda l-korruzzjoni, b'mod partikolari fil-livelli għolja, u biex jiwwettqu aktar investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet effettivi, li jwasslu għal sentenzi finali tal-qorti li jiġu infurzati u li jinkludu sanzjonijiet dissważivi. Hemm bżonn ta' iktar trasparenza fil-ġestjoni ta' fondi pubbliċi speċjalment fl-istadji kollha tal-akkwist pubbliku, qasam partikolarment suxxettibli għall-korruzzjoni.

Korpi speċjalizzati jinsabu fis-seħħ iżda każijiet ta' ġid inspjegabbli fost persuni esposti politikament rarament jiġu investigati. Il-progress limitat juri nuqqas ta' rieda politika ġenwina flimkien ma' kapaċità amministrattiva li għadha limitata. Jibqgħu essenzjali aktar trasparenza u responsabbiltà, is-separazzjoni tas-setgħat u korpi ta' sorveljanza indipendenti aktar b'saħħithom. Sforzi mnedija fi Trieste fl-2017 biex ikun hemm qbil dwar strument reġjonali dwar l-iskambju tad-*data* fl-iżvelar tal-assi u l-kunflitti ta' interess jistgħu jikkontribwixxu biex jittejjeb ir-rekord tal-pajjiżi li jittrattaw każijiet ta' korruzzjoni fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent.

L-influenza tal-**kriminalità organizzata** fuq il-pajjiżi tat-tkabbir tal-UE għadha f'saħħitha. Gruppi kriminali b'saħħithom għadhom joperaw mir-reġjun tal-Balkani tal-Punent u t-Turkija u

lejhom. Ir-reġjun għadu rotta ta' dħul importanti għat-traffikar ta' prodotti illeċiti, b'mod partikolari d-drogi u l-armi, u n-nies fi triqthom lejn l-UE. Il-pajjiżi tat-tkabbir qed jikkooperaw dejjem aktar mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE bħall-Europol u l-Eurojust u qed itejbu gradwalment il-kapaċità tagħhom li jittrattaw tipi speċifiċi ta' kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar tad-droga. Fl-Albanija, operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi fuq skala kbira wasslu b'suċċess għal qabdiet ta' kwantitajiet kbar ta' kannabis u, reċentement, anki ta' kokaina mill-Amerika Latina. Madankollu, il-livelli tal-persunal u r-rispett lejn l-indipendenza operattiva tal-korpi tal-infurzar tal-liġi jibqgħu problematiċi fir-reġjun. Għad hemm distakk bejn l-analiżi tat-treddid mill-kriminalità organizzata u l-prijoritajiet operazzjonali stabbiliti, biex b'hekk tonqos ir-rata ta' suċċess tal-izmantelljar tal-gruppi kriminali b'mod effettiv. L-awtoritajiet jeħtieġu wkoll jibdew jużaw l-investigazzjonijiet finanzjarji skont il-metodoloġija tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja u jitejbu r-risultati dwar il-konfiska tar-rikavat mill-kriminalità. L-istabbiliment u t-tisħiħ ta' aġenziji ċentralizzati responsabbli għall-identifikazzjoni u t-traċċar ta' assi kriminali (Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi) fil-pajjiżi tat-tkabbir jistgħu jagħmlu s-sistemi nazzjonali tagħhom ta' rkupru tal-assi aktar effettivi u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni operazzjonali mal-Uffiċċji tal-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri tal-UE. Dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus / il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, jinħtieġ li l-pajjiżi tat-tkabbir bħala prijorità jallinjaw il-leġiżlazzjoni u l-prattiki tagħhom konformi mar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force tal-Azzjoni Finanzjarja. Jinħtieġ li jiġi stabbilit b'urġenza track record konkret u sostnut fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus u l-kriminalità organizzata.

Biex jiġu miġġielda t-**terroriżmu**, l-estremiżmu vjolenti, ir-radikalizzazzjoni u, b'mod partikolari, il-fenomeni ta' ġellieda terroristi barranin (li jirritornaw), l-UE intensifikat il-kooperazzjoni operazzjonali ma' kull wieħed mill-pajjiżi involuti fil-proċess tat-tkabbir. Saru sforzi tajba kontinwi fil-pajjiżi kollha biex jallinjaw il-leġiżlazzjoni u l-prattiki fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni ma' standards u prattiċi tal-UE. Għad hemm xorta waħda lok għal strutturi aktar effettivi fil-livelli nazzjonali u reġjonali biex jiżguraw riżultati konkreti, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, it-traffikar tal-armi, il-ħasil tal-flus, l-iffinanzjar tat-terroriżmu, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-politiki kontra r-radikalizzazzjoni. In-netwerk dwar is-Sensibilizzazzjoni tar-Radikalizzazzjoni tal-UE ilu jappoġġa ħafna minn dan ix-xogħol. Jinħtieġ li l-ġlieda kontra t-terroriżmu tiġi aktar intensifikata ma' kull imsieħeb tal-Balkani tal-Punent u t-Turkija. Jinħtieġ li l-istandards tal-protezzjoni tad-*data* personali jiġu allinjati mal-istandards tal-UE biex jippermettu l-konklużjoni tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Eurojust. Ispirati mill-ħidma konġunta dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-UE u l-imsieħba tal-Balkani tal-Punent qablu fl-2017 dwar il-Governanza Integrata tas-Sigurtà Interna tal-Balkani tal-Punent bħala approċċ ġdid lejn il-governanza tas-sigurtà tal-bini tal-kapaċità u riformi fir-reġjun.

B) Drittijiet fundamentali

Id-drittijiet fundamentali huma fil-biċċa l-kbira mnaqqxa fil-leġiżlazzjoni tal-Balkani tal-Punent iżda hemm bżonn li jsiru sforzi serji sabiex jiġu implimentati bis-sħiħ fil-prattika. It-Turkija esperjenzat deterjorament qawwi kontinwu f'oqsma ewlenin marbutin mad-drittijiet tal-bniedem matul il-perjodu ta' rapportar.

Hemm bżonn attenzjoni partikolari biex tiġi salvagwardjata l-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tal-midja bħala pilastru tad-demokrazija fir-reġjun kollu. Kien hemm deterjorament importanti f'dan il-qasam f'xi pajjiżi, inklużi rigressi serji fit-Turkija, fejn aktar

minn 150 ġurnalist għadhom il-ħabs. Band'oħra, l-aktar l-aktar sar progress limitat. Komplex l-attakki u t-theddid kontra l-ġurnalisti, filwaqt li l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet għadhom għaddejjin bil-mod. L-isforzi biex jiġu influwenzati l-indipendenza tax-xandara tas-servizz pubbliku u finanzjament pubbliku mhux trasparenti tal-midja jibqgħu prevalenti fil-pajjiżi kollha tat-tkabbir. Dawn l-abbużi jdgħajfu mhux biss id-dritt fundamentali għal-libertà ta' espressjoni, iżda wkoll id-demokrazija fir-reġjun. Il-gvernijiet jeħtieġ li jieħdu passi urġenti u konkreti biex jiġu implimentati l-oqfsa legali eżistenti fuq il-libertà ta' espressjoni, u biex tittejjeb il-klima ġenerali rigward il-libertà tal-mezzi tax-xandir. L-UE tappoġġa bis-sħiħ l-organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-midja indipendenti, li ta' spiss jiġu intimidati. Il-kontribut tagħhom huwa kruċjali biex tiġi żgurata responsabbiltà mill-gvern dwar il-libertà tal-espressjoni, kif ukoll dwar id-drittijiet fundamentali l-oħra kollha.

Hemm bżonn ta' aktar sforzi fil-pajjiżi kollha ta' tkabbir biex jindirizzaw b'mod effettiv l-abbużi tad-drittijiet tat-tfal li għadhom prevalenti. Il-gvernijiet jeħtieġu wkoll li jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabbiltà, il-minoranzi u l-gruppi vulnerabbli l-oħra bħala kwistjoni ta' prijorità. Irid isir aktar biex tintgħata spinta lill-**ugwaljanza bejn is-sessi** u biex titwaqqaf li tiġi indirizzata l-vjolenza kontra n-nisa. Filwaqt li sar progress fil-Balkani tal-Punent dwar id-drittijiet tal-persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneri u persuni intersesswali, huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex tintemm id-diskriminazzjoni, it-theddid u l-vjolenza. Is-sitwazzjoni prekarja tar-**Roma** teħtieġ ukoll li tingħata prijorità hekk kif komplew jiffaċċjaw l-esklużjoni soċjali, il-marġinalizzazzjoni u d-diskriminazzjoni. **Il-kundizzjonijiet tal-ħabs** jeħtieġ li jittejjbu u d-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u akkużati u d-drittijiet tal-vittmi jinħtieġ li jiġu allinjati mal-*acquis* tal-UE. Fit-Turkija, d-digriet adottati taħt l-Istat ta' Emerġenza naqqsu d-drittijiet proċedurali ewlenin inklużi d-drittijiet tad-difiża.

c) Il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika

Il-funzjonament kif suppost tal-istituzzjonijiet demokratiċi għadu sfida ewlenija f'għadd ta' pajjiżi. Dan jinkludi li jiġi żgurat djalogu kostruttiv u sostenibbli fl-ispettru politiku kollu, b'mod partikolari fil-parlamenti. Minkejja li sar xi progress, bosta aspetti fundamentali fit-tweġġiq tal-elezzjonijiet demokratiċi għadhom joħolqu sfidi. Jinħtieġ li r-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali jiġu implimentati kif suppost. Ir-responsabbiltà parlamentari, bħala element essenzjali ta' demokrazija li tiffunzjona tajjeb, jeħtieġ li jiġi minqux fil-kultura politika.

Fit-Turkija, filwaqt li tiġi rrikonoxxuta l-ħtieġa leġittima tat-Turkija li tiegħu azzjoni rapida u proporzjonata fid-dawl tal-attentat fallut ta' kolp ta' stat, hemm tħassib serju fir-rigward tal-proporzjonalità tal-miżuri taħt stat ta' emerġenza li għadhom fis-seħħ u li naqqsu l-funzjoni prinċipali tal-Parlament, filwaqt li l-ispazju għal djalogu fost il-partiti politiċi ġie aktar ristrett. Il-bidliet kostituzzjonali estensivi li ġew evalwati mill-Kunsill tal-Ewropa bħala li għandhom nuqqas ta' kontrolli u bilanċi suffiċjenti u jipperikolaw is-separazzjoni tas-setgħat ġew approvati f'referendum organizzat waqt l-istat ta' emerġenza.

Fil-Balkani tal-Punent, il-kapaċità tal-parlamenti nazzjonali li jeżerċitaw il-funzjoni leġiżlattiva u ta' sorveljanza ewlenin hija mminata min-nuqqas ta' djalogu politiku, l-użu eċċessiv ta' proċeduri parlamentari b'urġenza u n-nuqqas ta' involviment kostruttiv mill-partijiet kollha. Għad hemm kultura politika diviżiva, għalkemm xi bojkotts ingħelbu. Fl-Albanija, il-ftehim politiku bejn il-partiti ta' Mejju 2017 ippermetta t-tkomplija tal-ħidma

parlamentari qabel il-waqfa elettorali. F'dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja, il-Parlament il-ġdid għamel sforz biex jerġgħu jinkisbu l-kapaċitajiet tas-sorveljanza tiegħu fuq l-eżekuttiv. Madankollu, fil-Montenegro, l-oppożizzjoni bbojkottjat attività leġiżlattiva minn meta beda jiltaqa' l-Parlament f'Novembru 2016. Fis-Serbja, l-effikaċja parlamentari u l-kwalità tal-leġiżlazzjoni huma żvantaġġati min-nuqqas ta' skrutinju parlamentari xieraq fuq l-abbozzi ta' leġiżlazzjoni. Fil-Kosovo^{*}, kemm taħt il-koalizzjonijiet ta' deċiżjoni preċedenti u dawk attwali, il-ħidma tal-Assemblea kienet ikkaratterizzata minn polarizzazzjoni politika u paraliżi, għalkemm l-Assemblea riċentament irratifikat il-Ftehim tad-Demarkazzjoni tal-Fruntiera mal-Montenegro. Fil-Bożnja u l-Ħerzegovina, l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tirriżulta mill-Aġenda ta' Riforma ġiet affettwata b'mod negattiv minn tensjonijiet bejn il-partijiet tal-koalizzjoni fil-gvern, li wassal għal tnaqqis fir-ritmu tal-proċess ta' riforma. Filwaqt li t-tweġġ ta' elezzjonijiet bħala tali fir-reġjun ġeneralment iseħħu mingħajr inċidenti kbar, nuqqasijiet importanti, inkluża l-politiċizzazzjoni tal-korpi elettorali, l-abbuż mir-riżorsi tal-Istat u n-nuqqas ta' trasparenza fil-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-kampanji elettorali, ikollhom impatt fuq il-livell ta' fiduċja taċ-ċittadini fil-proċessi elettorali.

Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika hija kruċjali għat-tiħiħ tat-tmexxija fil-livelli kollha. Dan jinkludi t-tiħiħ tal-kwalità u r-responsabbiltà ta' l-amministrazzjoni, u biex ikun hemm aktar professjonalità, id-depolitiċizzazzjoni u t-trasparenza, kif ukoll ir-reklutaġġ u s-sensji, aktar ġestjoni trasparenti tal-finanzi pubbliċi, u servizzi aħjar għaċ-ċittadini. Jeħtieġ ukoll li jinstab bilanċ xieraq bejn il-gvern ċentrali, reġjonali u lokali. Filwaqt li kien hemm progress moderat fil-Balkani tal-Punent f'ċerti oqsma, fit-Turkija kien hemm rigress serju rigward is-servizz pubbliku u l-ġestjoni tar-riżorsi umani u r-responsabbiltà.

Issa huma fis-seħħ **strateġiji ta' riforma** komprensivi tal-amministrazzjoni pubblika u tal-ġestjoni finanzjarja pubblika, ħlief fil-Bosnja u Ħerzegovina u t-Turkija. Id-dewmien fl-implimentazzjoni u s-sostenibbiltà tar-riformi finanzjarji għadhom inwetanti. F'ħafna każijiet, it-trasparenza baġitarja tġiebet. Il-kwalità tal-ippjanar strateġiku tal-gvern ċentrali u r-rabtiet mal-ippjanar settorjali jeħtieġ li jiġu sostanzjalment imtejba fil-Balkani tal-Punent. Il-politiki, l-leġiżlazzjoni u l-investimenti pubbliċi ta' spiss għadhom qed jiġu ppreparati mingħajr valutazzjonijiet sistematiċi ta' l-impatt u konsultazzjonijiet. Problema ewlenija f'ħafna pajjiżi hija l-użu estensiv ta' proċeduri leġiżlattivi urġenti. **Il-professjonalizzazzjoni tas-servizz pubbliku** għad trid tiġi żgurata fil-pajjiżi kollha. Minkejja l-leġiżlazzjoni moderna dwar is-servizz ċivili, regolarment jintużaw l-eċċezzjonijiet, speċjalment għall-ħatriet u t-tneħħijiet ta' uffiċjali għolja taċ-ċivil.

Fil-pajjiżi kollha tat-tkabbir, l-istruttura tal-amministrazzjoni tal-istat jeħtieġ li tkompli tiġi razzjonalizzata. Fil-Balkani tal-Punent, il-korpi amministrattivi simili għandhom status differenti, ħafna minnhom jirrappurtaw direttament lill-gvern jew lill-parlament pjuttost milli lill-ministeri prinċipali naturali tagħhom. Hemm nuqqas ta' responsabbiltà u rappurtar bejn l-aġenziji subordinati u l-istituzzjonijiet prinċipali tagħhom. Biex jittejjeb **it-twassil tas-servizzi**, bosta pajjiżi involuti fil-proċess tat-tkabbir kienu ffukati fuq l-introduzzjoni ta' servizzi tal-gvern elettroniku iżda l-inizjattivi ħafna drabi kellhom nuqqas ta' koordinazzjoni u ta' direzzjoni strateġika. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi għamlu wkoll progress bl-adozzjoni tal-liġijiet moderni dwar il-proċeduri amministrattivi ġenerali, iżda f'ħafna pajjiżi għad irid jiġi

* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-*istatus*, u hija konformi ma' UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

emendat ammont sostanzjali ta' leġislazzjoni settorjali biex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-proċeduri amministrattivi speċjali.

d) Il-Migrazzjoni

L-isfidi marbuta mal-kriżi tar-rifuġjati u l-migrazzjoni irregolari kienu ċentrali għall-ħidma tal-UE mal-pajjiżi tat-tkabbir. Sar progress permezz ta' ħidma konġunta tul ir-rotot migratorji tal-Lvant tal-Mediterran / Balkani tal-Punent. Il-kuntribandu tal-migranti u t-traffikar tal-bnedmin għadu inkwetanti. Aktar sforzi huma meħtieġa biex jiżguraw li l-pajjiżi huma mgħammra aħjar biex jiffaċċjaw l-isfidi tal-migrazzjoni, inkluż fir-rigward tat-tnaqqis tal-migrazzjoni irregolari, l-attivitajiet dwar ir-ritorn u l-protezzjoni tal-fruntieri u l-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, it-tiżiħ tal-kapaċitajiet dwar l-ażil, l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni, f'konformità mal-*acquis* tal-UE.

Permezz ta' ħidma eċċellenti, it-Turkija bħalissa qed tipprovdi kenn lil aktar minn 3,5 miljun refuġjat Sirjan u l-UE tibqa' impenjata li tassisti lit-Turkija fl-indirizzar ta' din l-isfida. Il-kooperazzjoni skont id-Dikjarazzjoni UE-Turkija kompliet tagħti riżultati konkreti. Ix-xejra ta' tnaqqis sinifikanti tal-vjaġġi irregolari u perikolużi u t-telf ta' ħajjiet fil-Baħar Eġew ġiet ikkonsolidata. Waslu 42 319-il migrant permezz tar-rota tal-Lvant tal-Mediterran fl-2017, meta mqabbla ma' 182 277 fl-2016, li jirrappreżentaw tnaqqis ta' kważi 77 %. Il-Gwardja tal-Kosta Torka baqgħet impenjata li tissorvelja attivament u tipprevjeni l-qsim irregolari u l-ftuħ ta' rotot ġodda. Il-Faċilità tal-UE għar-Refuġjati fit-Turkija qed tkompli tappoġġa l-ħtiġijiet tar-refuġjati u tappoġġa l-komunitajiet ospitanti. L-ewwel porzjon ta' EUR 3 biljun ġie kkuntrattat kollu. L-iżborżi sal-lum laħqu EUR 1,9 biljun. Bdiet il-mobilizzazzjoni tat-tieni porzjon tal-Faċilità, f'konformità mad-Dikjarazzjoni UE-Turkija. Il-Faċilità spiċċat waħda mill-mekkaniżmi ta' appoġġ tal-UE l-aktar veloċi u effettivi, u tipprovdi kważi 1,2 miljun mill-aktar refuġjati vulnerabbli bi trasferimenti ta' flus kontanti fix-xahar bis-Sistema tal-Protezzjoni Soċjali ta' Emerġenza. Aktar minn 312 000 tifel u tifla rċevew taħriġ fil-lingwa Torka u 500 000 student ġew ipprovduti bi stationery u kotba tal-korsijiet. Ir-refuġjati bbenefikaw minn aktar minn 763 000 konsultazzjoni dwar il-kura tas-saħħa primarja u aktar minn 217 000 refuġjat trabi Sirjani tlaqqmu kompletament.

Il-miżuri ta' reazzjoni kkoordinati mill-UE li jappoġġaw l-isforzi nazzjonali fl-2017 wasslu għal tnaqqis ta' 91 % fil-flussi migratorji irregolari li jgħaddu mir-reġjun tal-Balkani tal-Punent u l-istabbilizzazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni tul il-fruntieri. Dik li kienet ir-Repubblika Jugozłava tal-Maċedonja u s-Serbja, b'mod partikolari, spiċċaw bħala sħab affidabbli tal-UE f'dan il-qasam. Madankollu, huma baqgħu affettwati u l-kapaċità tagħhom biex jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' kriżi ġiet kontinwament ittestjata. Il-kapaċità amministrattiva u l-infrastruttura teħtieġ aktar tiżiħ fir-reġjun kollu. L-UE hija impenjata li tappoġġa l-isforzi tal-imsieħba tal-Balkani tal-Punent. Il-Kummissjoni qed tinnegozja l-ftehimiet tal-*istatus* bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Balkani tal-Punent. Dawn se jippermettu l-iskjerament tat-Timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta b'setgħat eżekuttivi f'żoni fuq il-fruntiera fil-fruntieri esterni tal-UE f'appoġġ tal-awtoritajiet tal-fruntieri nazzjonali.

e) Ekonomija

Il-Balkani tal-Punent u t-Turkija għandhom **potenzjal ekonomiku** sinifikanti. Żidiet fir-rati tat-tkabbir f'dawn l-aħħar fit snin kienu wasslu għall-ħolqien ta' impjiegi fl-oqsma kollha. Minkejja xi progress li sar, il-gvernijiet kollha jaffaċċjaw sfidi strutturali ekonomiċi u soċjali ewlenin, b'rati għolja ta' qgħad, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh, in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet, livelli persistentement għoljin ta' ekonomija informali dgħajfa l-ambjenti tan-

negozju b'aċċess limitat għall-finanzjament u livelli baxxi ta' innovazzjoni u ta' konnettività reġjonali. Fil-Balkani tal-Punent, il-klima tal-investiment tibqa' tiġi mxekkla minn sinjali ta' manipulazzjoni tal-istat, b'mod partikolari fir-rigward tan-nuqqas ta' sistemi ġudizzjarji effiċjenti u indipendenti u infurzar mhux ekwu tar-regoli tal-kompetizzjoni. L-influwenza tal-Istat fl-ekonomija hija b'saħħha fir-reġjun, li tista' taggrava r-riskju tal-korruzzjoni permezz ta' ġestjoni finanzjarja pubblika dgħajfa u t-tibdil frekwenti fil-permessi u t-taxxi. L-oqfsa ta' governanza korporattiva jeħtieġi li jissaħħu u l-proċess ta' privatizzazzjoni ġie ffinalizzat. L-infrastruttura u s-sistemi tal-edukazzjoni jeħtieġ li jiġu mtejba. Jinħtieġ li l-investimenti infrastrutturali fir-reġjun ikunu konsistenti mal-prijoritajiet maqbula mal-UE, b'mod partikolari fil-kuntest tal-estensjoni tan-Netzwerke Trans-Ewropej tat-Trasport fil-Balkani tal-Punent. Fit-Turkija t-tkabbir ekonomiku ssaħħa, iżda l-ambjent tan-negozju baqa' jiddeterjora u l-ekonomija għadha vulnerabbli quddiem l-inċertezza finanzjarja, il-bidliet fil-fiduċja tal-investituri globali u r-riskji politiċi li għadhom hemm.

L-UE qed tappoġġa l-formulazzjoni aħjar tal-politika u l-governanza ekonomika permezz ta' eżerċizzju ta' Programm ta' Riforma Ekonomika, li huwa parti integrali mill-proċess ta' thejjiġa. Dan l-eżerċizzju sar l-għodda ewlenija biex jiġu fformulati u implimentati riformi makroekonomiċi u strutturali. B'hekk, jikkontribwixxi biex jissaħħa it-tkabbir sostenibbli fit-tul u l-konverġenza, jiffaċilita l-ippjanar tal-politika, u l-progress lejn il-kriterji ekonomiċi ta' Copenhagen. Il-gvernijiet kollha huma mistiedna jippreżentaw il-Programmi ta' Riforma Ekonomika annwali. Issa hemm bżonn sforz politiku qawwi u s-sjieda mill-gvernijiet ikkonċernati biex jiġu implimentati r-riformi identifikati. L-UE qed tappoġġa wkoll it-titjib tal-klima ta' investiment fil-Balkani tal-Punent permezz tal-approfondiment taż-Żona Ekonomika Reġjonali li għandha l-għan li tneħħi l-ostrukozzjoni għall-kummerċ, il-mobilità u l-investiment madwar ir-reġjun. F'Diċembru 2016, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni biex tiftaħ negozjati bil-ħsieb ta' estensjoni potenzjali u l-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija, li minn dak iż-żmien 'il hawn ġiet eżaminata fil-Kunsill.

f) Il-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien;

Il-kooperazzjoni reġjonali hija kruċjali biex tiġi żgurata l-istabbilizzazzjoni politika u l-opportunitajiet ekonomiċi. L-aġenda tal-UE dwar il-konnettività b'mod partikolari tat momentun miżjud lill-kooperazzjoni reġjonali fil-Balkani tal-Punent. Fl-2017, fi Trieste, il-mexxejja tar-reġjun approvaw pjan ta' azzjoni għal Żona Ekonomika Reġjonali u ffirmaw it-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport. Il-Proċess ta' Kooperazzjoni fix-Xlokk tal-Ewropa u l-inizjattivi reġjonali oħrajn komplew ukoll jippromwovu l-istabbilizzazzjoni u l-kooperazzjoni. Ġie stabbilit l-Uffiċċju Reġjonali tal-Kooperazzjoni taż-Żgħażaġħ u nieda l-ewwel sejħa għal proposti li jkomplu jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-persuni. Il-programm Erasmus + kompli jrawwem id-djalogu interkulturali fl-edukazzjoni ogħla u fost iż-żgħażaġh, u appoġġa azzjonijiet għall-promozzjoni tal-internazzjonalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' istituzzjonijiet u sistemi ta' edukazzjoni ogħla. Kien hemm xi progress fit-tweġiq ta' proġetti ta' konnettività fil-post. L-Istrateġija tal-UE għall-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali tal-Adrijatiku u tal-Jonju kkontribwixxiet biex jitrawwem l-iżvilupp ta' proġetti konġunti, bil-promozzjoni ta' aktar allinjament mal-*acquis* fil-pajjiżi parteċipanti. Madankollu, għadhom ma ġewx issodisfati ħafna mill-obbligi tal-ftehimiet u l-impenji reġjonali. Jekk iċ-ċittadini jridu jaraw benefiċċji reali mill-kooperazzjoni reġjonali, hemm bżonn ta' aktar sforzi biex dawn il-ftehimiet u l-impenji jsiru operazzjonali, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni u tal-miżuri ta' riforma tal-konnettività miftehma fl-2015.

Ir-relazzjonijiet ta' viċinat tajba u l-kooperazzjoni reġjonali huma elementi essenzjali tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u tat-tkabbir. Filwaqt li kien hemm kuntatti regolari u kostanti bejn il-gvernijiet u kooperazzjoni fuq livell bilaterali u reġjonali, hemm bżonn ta' aktar sforzi fl-aktar oqsma sensitivi bħal delitti tal-gwerra, persuni nieqsa, kriminalità organizzata u kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja. Eċċezzjoni waħda tirrigwarda r-ritorn ta' rifuġjati minn gwerer tal-Balkani; hawnhekk, il-Programm Reġjonali tad-Djar qed juri riżultati pożittivi. Jinħtieġ li jiġu evitati dikjarazzjonijiet li jkollhom impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet tajba ta' viċinat. Il-promozzjoni tal-istabbiltà u l-ħolqien ta' ambjent li jwassal sabiex jingħeleb il-legat tal-passat u r-rikonċiljazzjoni jirrikejdu kemm tmexxija politika responsabbli u aktar sforzi sostanzjali. It-Trattat ta' Ħbiberija bejn il-Bulgarija u dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja huwa eżempju pożittiv f'dan ir-rigward.

Il-politika tat-tkabbir tal-UE għandha tkompli tesporta l-istabbiltà. Għalhekk l-UE ma tistax u mhux se timporta **tilwimiet bilaterali**. Iridu jiġu solvuti bħala kwistjoni ta' urġenza mill-partijiet responsabbli. F'dan ir-rigward, ir-riżultati kienu limitati. Huma meħtieġa aktar sforzi madwar ir-reġjun tal-Balkani tal-Punent. Hemm l-urġenza li jsir progress fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE lejn normalizzazzjoni sħiħa tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo, li jinħtieġ li jirriżulta fil-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehim komprensiv u legalment vinkolanti ta' normalizzazzjoni. Fir-rigward ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja, il-progress pożittiv li sar biex tinstab soluzzjoni negoziata u aċċettabbli b'mod reċiproku għall-kwistjoni tal-isem taħt l-awspiċi tan-NU għandu jkun jservi ta' bażi għal aktar titjib, flimkien ma' progress li jsir fuq relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien. L-Albanija haċet passi biex issolvi tilwimiet bilaterali li ilhom żmien twil.

Għalkemm l-isforzi mġedda li saru fit-taħditiet ta' riżoluzzjoni mmexxija min-Nazzjonijiet Uniti dwar Ċipru ma mnexxilhomx iwasslu għal ftehim, huwa importanti li jinżamm il-progress li sar sa issa u li jkunu segwiti tħejjijiet għal soluzzjoni ġusta, komprensiva u vijabbli, inklużi l-aspetti esterni tagħha. L-impenn u l-kontribut kontinwu tat-Turkija f'termini konkreti lejn negozjati dwar soluzzjoni ġusta, komprensiva u vijabbli għall-kwistjoni ta' Ċipru fil-qafas tan-NU se tkun ta' importanza kbira. Hemm bżonn urġenti li t-Turkija tissodisfa l-obbligu tagħha li timplimenta bis-sħiħ il-Protokoll Addizzjonali u tagħmel progress lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mar-Repubblika ta' Ċipru. Il-Kummissjoni tħeġġeġ ukoll li jiġi skartat kull xorta ta' theddid, sors ta' tensjoni jew azzjoni li tkun ta' ħsara għar-relazzjonijiet tajba ta' viċinat u ir-riżoluzzjoni paċifika tad-disputi. Il-Kummissjoni tagħmel enfażi fuq id-drittijiet sovrani kollha tal-Istati Membri tal-UE. Dan jinkludi, fost affarijiet oħra, id-dritt li jsiru ftehimiet bilaterali u li jiġu esplorati u esplotjati r-riżorsi naturali skont l-acquis tal-UE u l-liġi internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar. L-azzjonijiet tat-Turkija u d-dikjarazzjonijiet kontra diversi Stati Membri tal-UE ħolqu wkoll tensjonijiet li qed jaffettwaw b'mod negattiv ir-relazzjonijiet tagħha mal-UE. Is-soluzzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet bilaterali hija kwistjoni ta' prijorità.

III. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq, u tal-evalwazzjonijiet fil-ġabriet fil-qosor rigward il-pajjiżi li jinsabu fl-anness, il-Kummissjoni qiegħda tippreżenta l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

I

1. **Il-politika tat-tkabbir tal-UE** hija investiment **fil-paċi, is-sigurtà, il-prosperità u għalhekk l-istabbiltà** fl-Ewropa. Hija tipprovdi aktar opportunitajiet ekonomiċi u għall-kummerċ għall-benefiċċju reċiproku tal-UE u l-Istati Membri aspiranti. Il-prospettiva soda tal-adeżjoni mal-UE, kif affermat mill-ġdid kontinwament mill-UE u mill-Istati Membri tagħha, qegħda tkompli tixpruna t-trasformazzjoni u tqawwi l-istabbiltà u s-sigurtà fil-pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa.
2. Il-proċess ta' tkabbir ikompli jkun ibbażat fuq **kriterji stabbiliti u kondizzjonalità ġusta u rigoruża**. Kull pajjiż jiġi evalwat fuq il-merti tiegħu biex jingħata inċentivi biex iwettaq riformi li jmorru aktar lil hinn. Biex il-perspettiva ta' tat-tkabbir issir realtà, jibqa' essenzjali impenn sod lejn il-prinċipju "l-ewwel jiġi dak li hu fundamentali".
3. L-istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-Balkani tal-Punent, adottata fi Frar 2018, toffri tieqa storika ta' opportunità torbot il-futur tar-reġjun bis-sod u b'mod inekwivokabbli mal-Unjoni Ewropea. Il-pajjiżi fir-reġjun issa jeħtieġ li jaġixxu b'determinazzjoni biex jagħtu spinta b'mod deċiżiv u b'mod irriversibbli l-proċess ta' trasformazzjoni tagħhom u jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-elementi fundamentali tal-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-istituzzjonijiet demokratiċi, kif ukoll l-ekonomija.

II

4. **It-Turkija** hija sieħeb kruċjali għall-Unjoni Ewropea. L-UE, li kkundannat immedjatament u bil-qawwa l-attentat ta' kolp ta' stat ta' Lulju 2016, tenniet l-appoġġ sħiħ tagħha għall-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiż, u rrikonossiet il-ħtieġa leġittima tat-Turkija li tiegħu azzjoni rapida u proporzjonata fid-dawl ta' tali theddida serja. Madankollu, l-iskala wiesgħa u n-natura kollettiva tal-miżuri meħuda wara t-tentattiv ta' kolp ta' stat, bħalma huma s-sensji fi grupp, l-arrest, u d-detenzjonijiet, ikomplu jqajmu tħassib serju fir-rigward tal-proporzjonalità tal-miżuri taħt stat ta' emerġenza li għadu fis-seħħ. Il-Gvern Tork tenna l-impenn tiegħu għal sħubija fl-UE iżda dan ma ġiex akkumpanjat minn miżuri u riformi korrispondenti. Għall-kuntrarju, it-Turkija kienet qed titbiegħed ferm mill-Unjoni Ewropea. Fiċ-ċirkostanzi prevalenti attwali, l-ebda kapitolu ġdid mhu qed jiġi kkunsidrat li jinfetaħ. It-Turkija teħtieġ li treggħa' lura t-tendenza negattiva attwali l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali bħala kwistjoni ta' prijorità, ibda bit-tneħħija tal-istat ta' emerġenza u tindirizza d-dgħufija tal-kontrolli u l-ekwilibriji effettivi fis-sistema politika, inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa mal-Kunsill tal-Ewropa.

Kien hemm rigress serju f'oqsma ewlenin tal-ġudikatura, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, id-drittijiet fundamentali u l-libertà tal-espressjoni, u aktar rigress f'għadd dejjem ikbar ta' oqsma oħra. Ir-rispett sħiħ tal-istat tad-dritt u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali huwa obbligu essenzjali tal-proċess ta' adeżjoni. Mill-introduzzjoni tal-istat ta' emerġenza, aktar minn 150 000 persuna kienu arrestati u 78 000 ġew arrestati. Aktar minn 150 ġurnalista għadhom miżmuma l-ħabs, flimkien ma' għexieren ta' kittieba, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, avukati, rappreżentanti eletti. Ħafna ċittadini Torok ġew arrestati talli esprimew l-opinjoni jiet politiċi

tagħhom fuq il-midja soċjali. Il-31 digriet li ttieħdu fl-istat ta' emerġenza, li ġew eżentati minn rieżami ġudizzjarju u skrutinju effettiv mill-parlament, naqqsu b'mod sostanzjali d-drittijiet ċivili u politiċi ewlenin, inkluża l-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' assemblea u d-drittijiet tad-difiża. Kummissjoni ta' Stat ta' Emerġenza saret formalment operazzjonali iżda xorta teħtieġ li tiżviluppa f'rimedju effettiv, kredibbli, f'kuntest fejn il-kapaċità tat-Turkija biex tiżguraw rimedju legali domestiku effettiv fis-sens tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kompliet tiġi mminata minn numru ta' sentenzi problematiċi tal-qorti.

F'referendum organizzat waqt l-istat ta' emerġenza, emendi kostituzzjonali estensivi li jintroduċu sistema presidenzjali ġew approvati bi ftit. Dawn ġew eżaminati mill-Kunsill tal-Ewropa bħala nieqsa minn kontrolli u bilanċi suffiċjenti kif ukoll joħolqu periklu għas-separazzjoni tal-poteri bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Il-funzjoni ewlenija tal-Parlament bħala leġiżlatur kienet limitata, l-ispazju għal djalogu fost il-partiti politiċi ġie limitata aktar fil-Parlament, filwaqt li aktar Membri Parlamentari tal-HDP ġew arrestati u 10 minnhom tneħħewlhom is-siġġijiet rispettivi tagħhom. Il-ħatra ta' persuni ta' fiduċja biex jieħdu post ir-rappreżentanti eletti wasslet għal dgħufija sinifikanti tad-demokrazija lokali. Is-soċjetà ċivili sabet ruħha taħt pressjoni dejjem akbar minħabba għadd kbir ta' arresti ta' attivisti, inklużi difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, li wasslet għal tnaqqis rapidu tal-ispazju għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. Is-sitwazzjoni fix-xlokk tal-pajjiż għadha waħda mill-aktar sfidi kritiċi għall-istabbiltà tat-Turkija stess. Ma kien hemm ebda żviluppi dwar l-issoktar ta' proċess politiku kredibbli li huwa meħtieġ biex tinkiseb soluzzjoni paċifika u sostenibbli.

Filwaqt li t-tkabbir reġa' tela' sew fl-2017, is-sitwazzjoni għadha vulnerabbli dment li t-Turkija ma tindirizzax l-iżbilanċi makroekonomiċi, twettaq aktar riformi strutturali u ttejjeb l-ambjent tan-negozju. L-inċertezza politika, iż-żieda tal-kontroll tal-istat fl-isfera ekonomika u l-attakki fuq l-indipendenza tal-ġudikatura wasslu għal klima ta' investment inqas prevedibbli, tnaqqis drammatiku tal-valur tal-munita nazzjonali u tnaqqis sinifikanti tal-investment dirett Ewropew.

L-UE u t-Turkija komplew għaddejin bid-djalogu u l-kooperazzjoni f'oqsma ta' interess komuni inkluż permezz ta' numru ta' żjarat ta' livell għoli, u laqgħat tal-Mexxejja f'Mejju 2017 u Marzu 2018. Id-djalogi ta' livell għoli komplew dwar il-politika barranija u s-sigurtà, inkluża l-ġlieda kontra t-terroriżmu, fuq it-trasport u fuq l-ekonomija. Il-Kummissjoni Ewropea tenfasizza l-importanza tal-proposti tagħha lill-Kunsill għall-estensjoni u l-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija, li tista' tkun ta' benefiċċju reċiproku.

It-Turkija kompliet tagħmel sforzi liema bħalhom biex tipprovdi kenn lil aktar minn 3,5 miljun refuġjat mis-Sirja u xi 365 000 refuġjat minn pajjiżi oħrajn. Il-kooperazzjoni mal-UE fejn tidħol il-migrazzjoni kompliet tagħti riżultati konkreti u riżultati notevoli fit-tnaqqis tal-vjaġġi irregolari u perikolużi u biex jiġu salvati l-ħajjiet fil-Baħar Eġew. Il-Faċilità tal-UE għar-Refuġjati fit-Turkija qed tkompli tappoġġa l-ħtiġijiet tar-refuġjati u tappoġġa l-komunitajiet ospitanti. F'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża, fil-bidu ta' Frar, it-Turkija ppreżentat pjan ta' ħidma lill-Kummissjoni Ewropea li jispjega kif it-Turkija fi ħsiebha twettaq seba' parametri referenzjarji pendenti tal-

liberalizzazzjoni tal-viża. Il-Kummissjoni qed tevalwa l-proposti tat-Turkija u issa jmiss konsultazzjoni ulterjuri mal-kontropartijiet Torok.

It-Turkija tat bidu għal operazzjoni militari fit-Tramuntana tas-Sirja. Filwaqt li t-Turkija għandha d-dritt li tiegħu azzjoni biex tipprevjeni attakki terroristiċi kontriha, l-operazzjoni qajmet inkwiet umanitarju immedjat filwaqt li żdied it-tħassib dwar żieda ġdida fil-vjolenza.

Skont il-pożizzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni minn snin preċedenti, it-Turkija trid tissodisfa l-obbligu tagħha li timplimenta bis-siġħ il-Protokoll Addizzjonali b'urġenza u tagħmel progress lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru. Għalkemm il-Konferenza li tlaqqgħet dwar Ċipru ngħalqet mingħajr ftehim f'Lulju 2017, huwa importanti li jinżamm il-progress li sar u li jkun segwiti tħejjijiet għal risoluzzjoni ġusta, komprensiva u vijabbli, inklużi l-aspetti esterni tagħha. L-impenn u l-kontribut kontinwu tat-Turkija f'termini konkreti lejn risoluzzjoni ġusta, komprensiva u vijabbli se jkun ta' importanza kbira.

Il-kooperazzjoni mal-Greċja u l-Bulgarija dwar il-migrazzjoni intensifikat aktar. Madankollu, it-tensjonijiet fil-Baħar Eġew u tal-Lvant tal-Mediterran ma kinux favorevoli għal relazzjonijiet tajba mal-ġirien u mminaw l-istabbiltà u s-sigurtà reġjonali. Ir-relazzjonijiet bilaterali ma' bosta Stati Membri tal-UE marru għall-aġar, inkluża retorika xi minn daqqiet offensiva u inaċċettabbli. L-UE appellat lit-Turkija sabiex tevita kull tip ta' theddid jew azzjoni diretta kontra Stat Membru, jew kull sors ta' frizzjoni jew azzjoni, li jkun ta' ħsara għar-relazzjonijiet tajba tal-viċinat u għar-risoluzzjoni paċifika tat-tilwim. Barra minn hekk, f'Marzu 2018 il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa l-azzjonijiet illegali kontinwi tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran u l-Baħar Eġew u fakkar fl-obbligu tat-Turkija li tirrispetta l-liġi internazzjonali u relazzjonijiet tajba mal-ġirien u biex tinnormalizza r-relazzjonijiet tagħha mal-Istati Membri kollha tal-UE.

5. **Il-Montenegro** kellha elezzjonijiet presidenzjali fi April 2018. Ittieħdu passi inizjali biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u l-Missjoni tal-Osservazzjoni Elettorali tal-Jeddijiet tal-Bniedem tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa wara l-elezzjonijiet parlamentari tal-2016. Madankollu, is-segwitu ġudizzjarju tal-irregolaritajiet irrappurtati kien limitat ħafna. Hija meħtieġa aktar ħidma biex tiġi kkonsolidata l-fiduċja fil-qafas elettorali. Hija r-responsabbiltà tal-partijiet kollha li jirritorna d-dibattitu politiku fil-parlament.

In-negozjati tal-adeżjoni mal-UE komplew jiksbu progress f'dan ir-rigward u infetħu 30 kapitoli, li tlieta minnhom ingħalqu provviżorjament. Fil-qasam tal-istat tad-dritt, il-Montenegro kompli jagħmel progress b'mod partikolari fil-qafas legali u istituzzjonali, filwaqt li l-impatt Prattiku tar-riformi għadu mhux viżibbli biżżejjed u ma sar l-ebda progress fil-qasam tal-libertà tal-espressjoni. Is-sistema kollha tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari l-ġudikatura, issa jeħtieġ tagħti aktar riżultati. Il-progress fuq il-kapitoli tal-istat tad-dritt, kif jixhdu r-riżultati tanġibbli, b'mod partikolari biex tissaħħaħ il-libertà tal-espressjoni u tal-midja u rekord tajjeb fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-ħasil tal-flus u t-traffikar tal-persuni, se jkompli jiddetermina l-pass globali tan-negozjati tal-adeżjoni.

Sar progress tajjeb dwar leġislazzjoni mmirata biex timplimenta servizz pubbliku ta' reklutaġġ ibbażat fuq il-mertu, li issa jeħtieġ li jiġi implimentat. Il-Montenegro għamel progress fit-tiġi tal-istabbiltà makroekonomika u fiskali bil-bidu tal-

implimentazzjoni tal-istrateġija ta' konsolidazzjoni fiskali fuq perjodu medju. Il-livell ta' dejn pubbliku huwa għoli u qed ikompli jiżdied. L-isforzi attwali biex ittejjeb l-infrastruttura u s-sistema edukattiva jeħtieġ li jiġu kkumplimentati b'riforma tas-suk tax-xogħol, tnaqqis ta' diżinċentivi għax-xogħol, u l-iżvilupp ta' industrija kompetittiva orjentata lejn l-esportazzjoni.

6. **Is-Serbja** kellha elezzjonijiet presidenzjali f'April 2017. Wara r-riżenja tal-Prim Ministru wara li ġie elett bħala President, il-gvern il-ġdid ħa l-kariga f'Ġunju 2017. Il-Gvern il-ġdid baqa' impenjat lejn l-integrazzjoni mal-UE.

In-negozjati tal-adeżjoni mal-UE komplew jiksbu progress f'dan ir-rigward u infetħu 12-il kapitolu, li tnejn minnhom ingħalqu provviżorjament. Il-pass globali tan-negozjati se jkompli jiddependi mill-progress tas-Serbja fir-riformi u b'mod partikolari fuq il-pass aktar intens tar-riformi dwar l-istat tad-dritt u tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo. Filwaqt li sar xi progress dwar l-istat tad-dritt, is-Serbja issa jeħtieġ li ssaħħa l-isforzi u tikseb aktar riżultati, b'mod partikolari f'termini ta' ħolqien ta' ambjent li jippermetti l-libertà tal-espressjoni, fit-tisħiħ tal-indipendenza u l-effiċjenza ġenerali tas-sistema ġudizzjarja, u biex tagħmel progress sostenibbli fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, inkluż il-ħasil tal-flus. Ir-riformi ekonomiċi jkomplu jipproduċu riżultati, speċjalment f'termini ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika. Madankollu, il-livelli ta' investimenti pubbliċi u privati għadhom baxxi u l-ambjent tan-negozju għall-intrapriżi żgħir u medji jeħtieġ li jittejjeb aktar. Ir-riformi strutturali kbar tal-amministrazzjoni pubblika, l-awtorità tat-taxxa, u l-intrapriżi proprjetà tal-istat jibqgħu mhux kompluti. Fil-kuntest tan-negozjati tal-adeżjoni tagħha, huwa essenzjali li s-Serbja tiżviluppa u żżomm aktar il-kapaċità amministrattiva sabiex tittratta kwistjonijiet tal-UE.

Jeħtieġ li s-Serbja tapprofondixxi sostanzjalment l-involvement tagħha fid-Djalogu mal-Kosovo, inkluża l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kollha u b'mod partikolari l-ftehim dwar l-Enerġija, il-Pont Mitrovica, l-IBM u r-Rikonossiment tad-Diplomi. L-inizjattiva tal-President biex iniedi djalogu intern dwar il-Kosovo hija milqugħa b'sodisfazzjon. Jinħtieġ li s-Serbja tkompli taqdi rwol pożittiv fit-titjib tar-rabtiet reġjonali fir-reġjun u l-preservazzjoni tal-istabbiltà.

7. **Dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja**, wara perjodu diffiċli, finalment tegħleb kriżi politika profonda, bl-appoġġ tal-UE u tal-komunità internazzjonali. Tidher biċ-ċar li hemm rieda politika biex wieħed jimxi 'l quddiem u fost is-soċjetà kollha dehret bidla pożittiva fil-mentalità politika, li n-nuqqas tagħha kien ta' xkiel kbir għar-riformi f'dawn l-aħħar snin. L-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi strutturali meħtieġa huwa proċess fuq medda twila ta' żmien.

Il-Kummissjoni hija sodisfatta li l-Ftehim ta' Pržino fil-parti l-kbira ġie implimentat, anki f'kuntest politiku diffiċli.

Saret ħafna ħidma sabiex jiġu indirizzati l-Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti mis-sajf tal-2017, permezz ta' xewqa ġenwina għar-riforma, segwita bit-tnejn ta' strateġiji u leġislazzjoni li ilhom mistennija, u konsultazzjoni tal-partijiet interessati kollha, inkluża l-oppożizzjoni, b'mod inklużiv u trasparenti. Numru ta' strateġiji u liġijiet ġew adottati, b'mod partikolari fil-qasam tal-istat tad-dritt, bejn Novembru 2017 u Frar 2018. Ħafna oħrajn qed jittejjew għall-adozzjoni fix-xhur li ġejjin. Madankollu, għad baqa' sfidi strutturali partikolarment fil-qasam tal-ġudikatura.

Fid-dawl tal-progress li sar, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jiddeċiedi li jinfetħu negozjati tal-adeżjoni ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja, u jinżamm u jiġi approfondit il-momentum attwali tar-riforma fuq prijoritajiet urġenti ta' riforma, deċiżivi biex il-pajjiż jagħmel iżjed progress. Biex issostni dan, il-Kummissjoni tapplika approċċ imsaħħaħ għall-kapitoli tan-negozjati dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà fil-pajjiż.

8. **L-Albanija** kompliet tagħmel progress konsistenti lejn it-twettiq tal-ħames prijoritajiet kruċjali kollha biex ikunu jistgħu jinfetħu n-negozjati tal-adeżjoni. Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika ġiet ikkonsolidata, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-professjonalità u d-depolitiċizzazzjoni tagħha. Ittieħdu azzjonijiet ulterjuri biex tissaħħaħ l-indipendenza, l-effiċjenza u r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji, b'mod partikolari permezz ta' progress fl-implimentazzjoni ta' riforma ġudizzjarja komprensiva. Dan jinkludi l-ewwel riżultati tanġibbli fl-evalwazzjoni mill-ġdid tal-imħallfin u l-prosekuturi kollha (skrutinju), bir-riżenja ta' 15-il imħallef u prosekutur ta' grad għoli, u l-ewwel seduti li rriżultaw fit-tkeċċija ta' mħallef tal-Qorti Kostituzzjonali u l-konferma tal-ħatra ta' mħallef tal-Qorti Kostituzzjonali.

Saru aktar sforzi determinati fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, inkluża l-ġlieda kontra t-traffikar u l-kultivazzjoni tad-drogi, bil-kontribuzzjoni lejn l-istabbiliment ta' rekord sod ta' investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjonijiet u kundanni. Ġew adottati miżuri addizzjonali biex tissaħħaħ il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u mir-Roma, u l-politiki kontra d-diskriminazzjoni, kif ukoll l-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà.

Fid-dawl tal-progress li sar, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jiddeċiedi li jinfetħu negozjati tal-adeżjoni mal-Albanija, jinżamm u jitwessa' l-*momentum* attwali tar-riforma fil-qasam prinċipali ta' l-istat tad-dritt, b'mod partikolari madwar il-ħames prijoritajiet ewlenin, u tkompli twassal riżultati konkreti u tanġibbli fl-evalwazzjoni mill-ġdid tal-imħallfin u l-prosekuturi (skrutinju). Biex issostni dan, il-Kummissjoni tapplika approċċ imsaħħaħ għall-kapitoli tan-negozjati dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà fil-pajjiż.

9. **Il-Bożnija-Ħerzegovina** mxiet bil-mod fit-twettiq tal-prijoritajiet li joħorġu mill-proċess tagħha ta' riformi, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mal-Aġenda ta' Riforma. Hemm bżonn li jingħataw spinta l-isforzi ta' riformi orjentati lejn l-UE biex jiġu indirizzati l-problemi strutturali b'għeruw fondi li ilhom iżommu lura l-iżvilupp tal-pajjiż. Il-qafas elettoral jibqa' jiġi emendata b'urġenza bil-ħsieb li tiġi żgurata l-organizzazzjoni kif imiss tal-elezzjonijiet ta' Ottubru 2018 u tal-implimentazzjoni mingħajr intoppi tar-riżultati. F'dan ir-rigward, hemm bżonn li l-mexxejja politiċi kollha jassumu r-responsabbiltà tagħhom u jsibu soluzzjoni fir-rigward tal-Kamra Federali tal-popli, b'tali mod li ma tiġix imminata l-perspettiva tal-UE tal-pajjiż u taċ-ċittadini tiegħu. Ir-riformi soċjoekonomiċi ulterjuri, it-tiħiħ tal-istat tad-dritt u tal-amministrazzjoni pubblika f'konformità mal-istandards Ewropej fil-livelli kollha tal-gvern, kif ukoll titjib ulterjuri fil-kooperazzjoni bejn il-livelli kollha għadhom prijorita. Il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni dwar kwistjonijiet tal-UE kien effettiv biex iwassal sett ta' tweġibiet koordinati meħtieġa għat-tnejn tal-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina għas-sħubija fl-UE. Il-

funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmu se jibqa' essenzjali sabiex jippermetti lill-pajjiż biex jiffaċċja l-isfidi li dejjem jiżiedu tal-proċess tal-integrazzjoni tal-UE bħalma huma l-adozzjoni ta' aktar strateġiji għall-pajjiż kollu kif ukoll programm strateġiku tal-approssimazzjoni legali tal-pajjiż mal-*acquis* tal-UE. L-iżvilupp ekonomiku għadu kajman, u jsofri minn stat tad-dritt dgħajjef, l-ambjent tan-negozju għadu dgħajjef, l-amministrazzjoni pubblika hija ineffiċjenti u frammentata u l-iżbilanċji ewlenin tas-suq tax-xogħol, ma joffrux appoġġ għall-investment.

10. Fil-**Kosovo**, ir-riformi relatati mal-UE battew minħabba perjodu elettorali twil fl-2017 u l-kuntest politiku domestiku iebes li affettwa l-ħidma parlamentari. Huwa meħtieġ li l-atturi politiċi jerġgħu jimpenjaw ruħhom fi djalogu kostruttiv, mal-Assemblea bħala l-forum ewlieni għad-dibattitu politiku. Il-gvern il-ġdid u l-Assemblea għandhom jippreżentaw riformi bħala kwistjoni ta' prijorità u jibnu kunsens dwar kwistjonijiet strateġiċi ewlenin għall-Kosovo. Jinħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-Aġenda ta' Riforma Ewropea tiġi aċċellerata. Kien hemm progress fir-rigward tal-ekonomija, b'mod partikolari dwar it-titjib tal-ambjent tan-negozju. Madankollu, jinħtieġ li jittieħdu miżuri kontra l-ekonomija informali li hija mifruxa ħafna u l-qgħad għoli. Is-sitwazzjoni fit-Tramuntana tal-Kosovo għadha partikolarment iebisa. Ir-ratifika reċenti tal-ftehim ta' demarkazzjoni tal-fruntieri / konfini mal-Montenegro tikkostitwixxi kisba importanti fl-ispirtu ta' relazzjonijiet tajba mal-ġirien, u huwa pass kruċjali lejn il-liberalizzazzjoni tal-viżi. Il-Kummissjoni qed tivvaluta r-rekord tal-Kosovo fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni.

L-attentat minn 43 membru tal-Assemblea tal-Kosovo f'Diċembru 2017 biex jabrogaw il-Liġi dwar il-Kmamar tal-Ispječjalisti u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat qajjem tħassib serju. Se jkun essenzjali għall-Kosovo li jikkonforma bis-siħ mal-obbligi internazzjonali tiegħu fir-rigward tal-Kmamar tal-Ispječjalisti u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat, li ġew stabbiliti biex jindirizzaw ċerti allegazzjonijiet ta' reati internazzjonali mwettqa fil-kuntest tal-kunflitt tal-Kosovo.

Il-Kosovo jeħtieġ li japprofondixxi sostanzjalment l-involviment tiegħu fid-Djalogu mas-Serbja, inkluża l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kollha u b'mod partikolari l-ftehim dwar l-Assoċjazzjoni / Komunità tal-muniċipalitajiet fejn hemm maġġoranza Serba. Jeħtieġ li jintensifika x-xogħol tat-Tim tal-Maniġment, inniedi fl-4 ta' April f'konformità sħiħa mal-Ftehimiet ta' Brussell tal-2013 u tal-2015.

IV. ANNESSI

1. Ġabra fil-qosor tar-riżultanzi tar-rapporti³

2. Annessi statistiċi

³ Referenza għan-numri ta' dokumenti ta' ħidma tal-persunal.